# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha 28 ta' Gunju, 2023**

**Kawza Numru: 3**
**Rikors Guramentat Numru:- 658/09JVC**

Katarius P&I Limited (C31373)

vs

Maestro Joseph Gatt (ID 975850)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Paul Pullicino bhala mandatarju specjali tas-socjeta' rikorrenti li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta' attrici permezz ta' skrittura privata datat 9 ta' Mejju, 2007, akkwistat il-pussess legali tal-plot 26, Triq Joseph A. Deacon, Tal-Qattus, Birkirkara, minghand l-Awtorita' tad-Djar, liema fond jikkonsisti f'dar u garage li qieghed anness maghha;

2. Illi l-konvenut qieghed jokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda' titolu validu skond il-ligi u interpellat biex jizgombra allega li qieghed jokkupa l-fond b'titlu ta' kommodat mwaqqaf qabel l-imsemmi akkwist mis-socjeta' attrici;

3. Illi s-socjeta' attrici ghandha interess illi tiehu pussess attwali tal-fond in kwistjoni bhala libera minn kwalunkwe pretensjoni tal-intimat;

Ghaldaqstant ir-rikorrent, previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:

a) Tiddikjara l-konvenut qieghed jokkupa l-imsemmi fond plot 26, Triq Joseph A. Deacon, Tal Qattus, Birkirkara, li jikkonsisti f'dar u garage li qieghed anness maghha, u dan minghajr ebda titolu validu fil-konfront tas-socjeta' attrici;

b) In subsidium, jekk l-intimat jipprova li ghandu titolu ta' kommodat, tiddikjara illi dan it-titolu jigi xolt skond l-Artikolu 1835 (2) tal-Kodici Civili;

c) Tordna lill-konvenuti jizgombraw mill-imsemmi fond fit-terminu qasir u perentorju li jigi prefiss lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti;

B'riserva ta' kull azzjoni pendenti jew ohra kontra l-intimat, li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni, u bl-ispejjes.'.

Rat ir-risposta tal-konvenut il-Maestro Joseph Gatt li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-ewwel premessa attrici ma ghandha l-ebda bazi legali stante illi l-imsemmija skrittura privata datata 9 ta' Mejju 2007, m'ihiex skrittura privata izda hija

trasferiment ta' weghda ta' bejgh, u dan kif jidher mill-klawsola li tghid

*"By virtue of this deed, the vendor is assigning and transferring unto the buyer who is accepting all the Assignor's rights and obligations arising out of the above mentioned Promise ."*

2. Illi ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha tispjega xi tfisser l-ewwel premessa taghha u fin-nuqqas id-dokument A li gie esibit minnha ghandu jigi sfilzat ghaliex huwa totalment irrilevanti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond in kwistjoni minghajr titolu validu skont il-ligi stante illi l-fond imsemmi gie moghti lilu minn Carmen Xuereb permezz tas-socjeta' attrici, taht titolu ta' kommodat u dan kif jirrizulta minn skrittura privata datata 30 ta' Settembru 2003 - Dok. JG 1.

4. Illi jirrizulta mill-istess skrittura illi s-self tal-fond 26, Triq Joseph Deacon, Tal-Qattus, Birkirkara huwa gratuwitu.

5. Illi jirrizulta wkoll mill-istess skrittura li dan il-kommodat huwa ghal zmien determinat jigifieri sakemm il-konvenut jiehu lura d-dar residenzjali tieghu numru 16, triq Hal-Qormi, H'Attard, liema fatt ma garax.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma giex interpellat ufficjalment sabiex jizgombra mill-fond de quo;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.’.

Rat l-affidavits, xhieda, kopji ta’ skritturi privati, kopji ta’ messaggi, ittri, sentenzi, kopja ta’ memorandum and articles of association, nota ta’ insinwa, att ta’ liberazzjoni, kopja ta’ ittra tal-boll, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta’ Frar, 2010 il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li s-socjeta’ attrici giet inkorporata f’Mejju ta’ l-2003 u l-azzjonisti taghha kienu AVMT Trustees Limited u d-Direttur uniku taghha kien Dr Anton Micallef;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta’ Mejju, 2013 il-Qorti laqghet it-talba ta’ Dr Anna Mifsud Bonnici ghall-intimat Maestro Joseph Gatt u nnominat bhala espert tal-kalligrafija lis-Sur Joseph Gaffiero sabiex jaghmel analizi u komparazzjoni tal-firma ta’ Carmen Xuereb fid-dokument JG1 a fol. 17 tal-process, mal-firem taghha dokumenti CX1 sa CX5, (firem illi gew maghmula meta Carmela Xuereb kienet bil-wieqfa) u dokumenti XCS1 sa XCS5 (firem illi Carmela Xuereb kitbet waqt li kienet bil-qeghda), rat ukoll li fl-istess verbal gie vverbalizzat li l-Qorti wissiet lil Carmela Xuereb skont il-ligi u wara li l-kawza kienet giet posposta u regghet issejhet Dr Kathleen Mizzi ghas-socjeta’ rikorrenti kienet infurmat lill-Qorti li hija nfurmat lil Carmela Xuereb bil-konsegwenzi kollha fid-dawl tat-twissija tal-Qorti u infurmat lill-Qorti li Carmela Xuereb baqghet tinsisti li l-firma fuq dokument a fol. 17 bhala Dok JG1 ma ffirmatux hi;

Rat ir-rapport tal-espert kalligrafiku Joseph Gaffiero esebit fl-atti nhar is-17 ta’ Ottubru, 2013 u mahluf nhar is-26 ta’ Frar, 2014 esebit a fol. 133 et seq tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti lill-espert kalligrafiku Joseph Gaffiero ntavolat nhar it-12 ta' Gunju, 2014 a fol. 169 et seq tal-process u rat ir-risposti tal-Perit Tekniku Joseph Gaffiero mahlufa fid-29 ta' April, 2015 u jinsabu fl-atti a fol. 222 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut Maestro Joseph Gatt intavolat nhar it-3 ta' Lulju, 2014 fejn talab sabiex il-Qorti tiehu dawk il-provvedimenti necessarji sabiex it-tmien u d-disgha domandi li gew sottoposti lill-espert kalligrafu jigu kkancellati, rat ir-risposta tas-socjeta' rikorrenti ntavolata nhar il-21 ta' Lulju, 2014 a fol. 174 et seq tal-process u rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti Katarius P&I Limited fejn talbet li tigi awtorizzata sabiex permezz ta' nota tipprezenta kopja tas-sentenza fuq citata ai termini tal-Artikolu 642 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u rat ir-risposta tal-konvenut ntavolata nhar il-21 ta' Awwissu, 2014 a fol. 180 et seq tal-process. Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta nhar it-3 ta' Dicembru, 2014 a fol. 186 et seq tal-process fejn permezz tieghu cahdet it-talba tal-intimat Gatt kif proposta fir-rikors tieghu tat-3 ta' Lulju, 2014 u laqghet it-talba tas-socjeta' rikorrenti u awtorizzatha tezebixxi s-sentenza indikata fir-rikors taghha tal-21 ta' Lulju, 2014;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' April, 2016 il-kawza kienet thalliet ghad-decizjoni ghat-13 ta' Gunju, 2016 u l-partijiet inghataw terminu sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u rat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li kienet saret fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2016;

Rat is-sentenza moghtija minn  din il-Qorti kif diversament preseduta tal-5 ta' Dicembru, 2016 a fol. 341 et seq tal-process fejn il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u ddikjarat li l-interess guridiku tas-socjeta' rikorrenti f'din l-azzjoni huwa karenti u ghalhekk cahdet it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti u rat li dik id-decizjoni giet appellata u nghatat decizjoni mill-Qorti tal-Appell datata 30 ta' Marzu, 2022  a fol. 382 et seq tal-process fejn il-Qorti laqghet l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad u cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u l-eccezzjoni li l-attrici m'ghandhiex interess guridiku;

Rat illi l-kawza giet rinvijata lura fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili u giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fil-verbal datat  1 ta' Novembru, 2022 ir-rikors guramentat gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat li hadd mill-partijiet ma ressaq noti ulterjuri ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna titratta talba ghal zgumbrament tal-intimat Joseph Gatt mill-fond konsistenti f'dar u garaxx anness maghha, fl-indirizz plot 26 fi Triq Joseph A. Deacon, Birkirkara.

Is-socjeta' rikorrenti Katarius P&I Limited issostni li permezz ta' skrittura privata datata 9 ta' Mejju, 2007 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone (fol. 302) hija akkwistat il-pussess legali tal-fond imsemmi.

Is-socjeta' rikorrenti ssostni wkoll li l-intimat qieghed jokkupa l-fond mertu tal-kawza odjerna minghajr titolu validu skont il-ligi u ghalkemm interpellat sabiex jizgombra mill-fond huwa allega li qieghed jokkupa l-fond b'titolu ta' kommodat mwaqqaf qabel l-imsemmi akkwist mis-socjeta' rikorrenti. Is-socjeta' rikorrenti ghalhekk procediet bil-kawza odjerna fejn talbet dikjarazzjoni li l-intimat qieghed jokkupa l-fond imsemmi minghajr ebda titolu validu fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti. Talbet ukoll *in subsidium* li jekk l-intimat jipprova li ghandu titolu ta' kommodat, tiddikjara li dan it-titolu jigi xolt skont l-Artikolu 1835(2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Finalment talbet li l-Qorti tordna lill-intimat jizgombra mill-imsemmi fond f'terminu qasir u perentorju li jigi prefiss lilhom minn din il-Qorti.

L-intimat Maestro Joseph Gatt fl-ewwel lok eccepixxa li l-ewwel premessa tar-rikorremti m'ghandha l-ebda bazi legali stante li l-imsemmija skrittura privata datata 9 ta' Mejju, 2007 m'hijiex skrittura privata izda trasferiment ta' weghda ta' bejgh. Isostni ghalhekk li s-socjeta' rikorrenti ghandha tispjega xi tfisser l-ewwel premessa taghha u fin-nuqqas id-dokument A esebit mar-rikors guramentat ghandu jigi sfilzat ghaliex huwa totalment irrilevanti. Ulterjrment minghajr pregudizzju eccepixxa li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi m'huwiex minnu li qieghed jokkupa l-fond minghajr titolu validu skont il-ligi stante li l-fond imsemmi gie moghti lilu minn Carmen Xuereb permezz tas-socjeta' attrici taht titolu ta' kommodat u dan kif jirrizulta minn skrittura privata datata 30 ta' Settembru, 2003 esebita a fol. 17 tal-process. L-intimat ikompli jispjega li kif jirrizulta mill-iskrittura s-self tal-fond in kwistjoni huwa wiehed gratuwitu u l-kommodat huwa ghal zmien determinat billi fl-iskrittura hemm indikat li dan ikompli sakemm huwa jiehu lura d-dar residenzjali tieghu bin-numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard liema fatt ma

sehhx. Finalment eccepixxa minghajr pregudizzju, li huwa ma giex interpellat sabiex jizgombra mill-fond *de quo*.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi in segwitu ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Dicembru, 2016 (fol. 341) u dik tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu, 2022 (fol. 382), la darba l-ewwel eccezzjoni giet michuda kif ukoll l-interess guridiku tar-rikorrenti gie konfermat, dak li jifdal x'jigi trattat huwa jekk l-intimat Gatt ghandux titolu ta' kommodat favur tieghu moghti minn Carmen Xuereb illum Vassallo fuq il-fond konsistenti f'dar u garaxx adjacenti, plot 26 fi Triq Joseph A. Deacon, Birkirkara.

Illi l-kuntratt tal-kommodat, jew kif ukoll maghruf self ghall-uzu, huwa regolat bl-Artikolu 1824 *et seq* tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'Il-kommodat jew self għall-użu hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna ħaġa lill-parti l-oħra, sabiex din tinqeda biha, bla ħlas, għal żmien jew għal użu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirċiviha li jrodd il-ħaġa nfisha.'.

Minn dan l-artikolu jirrizulta li l-kommodat huwa kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna haga lill-parti l-ohra sabiex din tinqeda' biha <u>bla hlas</u>, <u>ghall-zmien</u> jew <u>uzu determinat</u>, bl-obbligu fuq dak li rceviha li jrodd il-haga nnifisha.

Illi t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-intimat Joseph Gatt ilkoll jitrattaw dan it-titolu ta' kommodat. Fit-tielet eccezzjoni jeccepixxi li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li huwa jokkupa l-fond minghajr titolu validu skont

il-ligi billi l-fond gie moghti lilu minn Carmen Xuereb permezz tas-socjeta' rikorrenti taht titolu ta' kommodat u dan kif jirrizulta minn skrittura privata datata 30 ta' Settembru, 2003. Imbaghad fir-raba' u l-hames eccezzjoni kompla jeccepixxi li mill-iskrittura jirrizulta li s-self tal-fond in kwistjoni huwa wiehed gratuwit u ghal zmien determinat sakemm l-intimat jiehu lura d-dar residenzjali tieghu numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard liema fatt isostni li ma garax.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tqis li huwa opportun li tikkwota *ad verbatim* l-iskrittura privata datata 30 ta' Settembru, 2003 (fol. 17) li fuqha l-intimat Gatt isejjes id-difiza tieghu. L-iskrittura taqra kif isegwi:

**'Skrittura Privata bejn is-Sinjura Carmen Xuereb I.D. No. 384576, u Mro. Dr. Joseph Gatt I.D. No. 975850(M).**
**Datata 30 ta' Settembru 2003,**

Jien hawn taht iffirmata Carmen Xuereb, I.D. No. 384567(M), nghid u niddikjara dan li gej:

Illi l-propjeta No. 26, Triq Joseph A. Decon Street B'Kara, ghalkemm akkwistajta jien fuq konvenju, minghand is-sur Sheerwood Sciberras permezz tall-kumpanija tieghi "KATARIUS" qed impoggiha ghad-dispozizjoni, u nghaddiha lil Mro. Dr. Joseph Gatt biex joqghodu fiha hu u wliedu sakemm huma jergghu jiehdu lura id-dar residenzjali taghhom Nu. 16, Triq Hal-Qormi, H'Attard, liema dar gew skumbrati minnha b'ordni tall-Qorti biex tidhol tghix fiha l-mara tal-Maestro, u peress li l-anqas it-tfal ma setghux joqghodu maghha, jiena fuq imsemmija Carmen Xuereb, iz-zija tar-rispett ta' wlied Maestro Gatt qed nikkoncedi din il-propjeta biex tintuza bhal residenza taghhom sakemm huma jkunu f'pozizjoni li jwarrbu minnha. Dan qed naghmlu wkoll

b'rikonoxxenza ghall-ghajnuna kbira w ir-rispett li dejjem sibt mill-Maestro, kif ukoll b'rispett lejn uliedu li dejjem ircevejt rispett w imhabba. Filwaqt li niddikjara li din il-propjeta hija tieghi, jien nirrinunzja ghal kull dritt fuqha sakemm tkun okkupata mill-Maestro u uliedu, u niggarantixxi li ghandhom jibqghu igawduha sakemm jehtiegu.

Jiena hawn taht iffirmat Mro. Dr. Joseph Gatt I.D. No. 975850(M), qed naccetta w nonnora dan il-ftehim mas-Sinjura Carmen Xuereb, u filwaqt li nikkonferma li jien QATT ma tajt l-ghajnuna tieghi lilha ghal xi gwadan, nirrikonoxxi l-att generuz taghha li poggiet ghad-dispozizjoni taghna din il-propjeta. Minnaha tieghi, jien inhallas il-kontijiet kollha li minn zmien ghal-zmien huma konnessi ma din il-propjeta ghas-servizzi hawn stipulati. Dawn huma:

Dawl u ilma,
Telephone.

Kull spiza ohra strordinarja li tista tinqala minn zmien ghal zmien, jien inwieghed li ngharraf biha lil propjetarju, u jekk ikun il-kas li naghmel l-ispejjez jien. Qed naqblu wkoll, li meta tispicca l-okkupazjoni tieghi u ta' wliedi minn din il-propjeta u tinbieh, jien ghandi nircievi lura dawk l-ispejjes strordinarji li nkun ghamilt matul iz-zmien li fih jien inkun okkupajt din il-propjeta.

Dan il-ftehim qed jigi ffirmat illum 30 ta' Settembru 2003.

| | |
|---|---|
| Carmen Xuereb | Mro. Dr. Joseph Gatt |
| I.D. No. 384567 | I.D. No. 975850.'. |

Ghalkemm Carmen Vassallo tikkontesta li kienet hi li ffirmat l-iskrittura privata datata 30 ta' Settembru, 2003 (fol. 17), fil-mori tal-kawza rrizulta li l-firma fuq l-imsemmija skrittura hija proprju ta' Carmen Vassallo, dan billi gie nominat l-Espert kaligrafu Joseph Gaffiero li fir-rapport tieghu a fol. 133 et seq tal-process ikkonkluda li l-firma fuq l-iskrittura hija proprju l-firma ta' Carmen Vassallo. Irrispettivament mill-kwistjoni tal-firma hijiex ta' Carmen Vassallo jew le, huwa zgur li l-intimat Joseph Gatt inizjalment kien qieghed jirrisjedi fil-fond in kwistjoni bil-kunsens ta' l-imsemmija Carmen Vassallo. Fil-fatt fix-xhieda taghha (fol. 31) tghid illi:
'*…u ghalhekk jiena kont accettajt li huwa jmur jghix fil-fond in kwistjoni sakemm hu jsib post iehor fejn ikun jista' jghix.*'.

Il-Qorti affacjata bil-fatt li l-firma fuq l-iskrittura hija proprju ta' Carmen Vassallo m'ghandhiex wisq ghazla ghajr li tezamina t-titolu ta' kommodat avanzat mill-intimat Gatt.

Fir-rigward l-ewwel kundizzjoni m'hemmx dubju li l-intimat qieghed jirrisjedi fil-fond gratuwitament infatti x-xhud Carmen Xuereb fix-xhieda taghha moghtija fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2010 (fol. 31) tghid illi:

'Ghar-rigward ta' l-istess dokument nikkonferma li ghall-habta ta' l-2003, 2004, l-Maestro Joseph Gatt kien gie mkecci mid-dar tieghu u ghalhekk jiena kont accettajt li huwa jmur jghix fil-fond in kwistjoni sakemm hu jsib post iehor fejn ikun jista' jghix. Dak iz-zmien ukoll il-Maestro Gatt kellu mieghu tlieta mit-tfal tieghu u jiena kont accettajt li jghixu mieghu fil-fond in kwistjoni.'.

L-istess huwa kkonfermat mill-intimat Maestro Joseph Gatt fl-affidavit tieghu a fol. 35 et seq tal-process fejn fir-rigward jghid illi:

'14. Meta Carmen saret taf, giet biex tara kif tista tghinna. Jien ridt li nibqa fejn konna morna, ghax kelli l-hsieb li nikkontesta dik id-decizjoni ta' l-izgumbrament. Bqajna f'din l-iskumdita' kwazi s-sajf kollu, u meta Carmen rat li ghadda dan iz-zmien u ma rrnexxieli naghmel xejn, regghet bdiet tinsisti mieghi li nsibu x'imkien iehor aktar adattat ghalina. Wara diskussjoni, qbilna li nfittxu dar, nixtruha fuq il-kumpanija Katarius Ltd. Biex din tibqa taghha (ta' Carmen), u nuzawha ahna sakemm jien niehu lura id-dar residenzjali tieghi Nru. 16, Triq Hal-Qormi H'Attard. Dehrilna, (jien u Carmen), li b'dan il-mod, filwaqt li ninvestu fil-proprjeta, meta ahna nhalluha libera, din tkun tista terga tinbiegh, u b'hekk mhux biss terga tiehu flusha lura, imma taghmel ukoll qliegh minn fuq din il-proprjeta.'.

Illi meta mbaghad nigu ghat-tieni kundizzjoni tal-kommodat l-intimat fil-hames eccezzjoni jindika li l-kommodat huwa ghal zmien determinat jigifieri sakemm l-intimat jiehu lura d-dar residenzjali tieghu numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard. Il-Qorti tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat ivarja xi ftit din il-kundizzjoni billi jghid li huma ghandhom jibqghu jirrisjedu f'dik il-proprjeta' '*sakemm huma jkunu f'posizzjoni li jwarrbu minnha*'. Fil-fehma tal-Qorti huwa pero' kif indikat fl-eccezzjoni l-interpretazzjoni gusta li ghandha tinghata lill-kundizzjoni, dan fid-dawl ta' dak li jinghad fl-iskrittura tat-30 ta' Settembru, 2003 (fol. 17).

Illi s-socjeta' rikorrenti ssostni li din il-kundizzjoni ma tista qatt tavvera ruhha billi l-proprjeta' bin-numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard kienet giet irkantata taht l-awtorita' tal-Qorti. Sabiex issahhah l-argument taghha resqet bhala xhud lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali li xehed fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2016 (fol.

297) fejn ipprezenta kopja tal-liberazzjoni, kopja tal-ittra tal-boll u l-insinwa li l-proprjeta' giet rilaxxata favur Mid-Med Bank Limited fis-26 ta' Gunju, 1996 (fol. 291). Issa l-Qorti tirrimarka li jista jigi argumentat li l-intimat Maestro Joseph Gatt kien akwista l-proprjeta' bin-numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard minghand il-bank Mid-Med Bank Limited u cioe' wara li l-bank kien akwista bl-irkant, b'dan li l-avvenimenti li graw lill-intimat u cioe' li ssepara u gie zgumbrat mill-fond bin-numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard graw wara tali liberazzjoni. Madanakollu dan huwa kollu spekulazzjoni ghaliex l-intimat Gatt fl-atti ma pprezenta l-ebda prova li effettivament il-fond bin-numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard huwa proprjeta' tieghu u li effettivament ghadu jigi okkupat minn martu u ghad hemm il-prospett li dan il-fond jigi lura f'idejh.[1] L-uniku accenn li ghamel fl-affidavit voluminuz tieghu (fol. 45) u li m'huwa sorrett minn ebda prova kienet f'paragrafu wiehed fejn qal:

'18. Jien qieghed fi proceduri f'qorti ohra dwar id-dar residenzjali, u sallum, dawn ghadhom ghaddejjin. Hekk kif dawn il-proceduri jigu fi tmiemhom, u nispera li d-dar numru 16, Triq Hal-Qormi tirritorna fil-pussess tieghi, jien fi zmien ragonevoli, inhalli din il-propjeta libera, u nonora il-ftehim li ffirmajt ma Carmen permezz ta' l-iskrittura privata li hawn hija esibita.'.

L-intimat Maestro Joseph Gatt kien verament limitat fil-provi mressqa minnu fejn merament kull ma ressaq fl-atti huma l-affidavit tieghu (fol. 35) fejn annessi mieghu kien hemm kopja ta' messagg (fol.52), zewg ittri li allegatament huwa kiteb lil Carmen

---

[1] Il-Qorti tirrileva li s-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha bhala footnote a fol. 312 irriportat li fl-att tal-liberazzjoni (a fol. 295) hemm dikjarat li tali fond huwa proprjeta' tas-socjeta' JMG Enterprises Limited u li fl-atti tas-subbasta bin-numru 92/1994 jizvelaw illi d-diretturi tas-socjeta' JMG Enterprises Limited kienu proprju l-intimat flimkien ma' martu u li l-fond bin-numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard kien proprjeta' parafernali tal-intimat stante li dderiva mill-wirt ta' missieru.

Vassallo (fol. 53), ittra legali minghand Ganado and Associates Advocates mibghuta minn Carmen Xuereb lill-intimat (fol. 57) u l-iskrittura privata bejnu u bejn Carmen Vassallo datata 30 ta' Settembru, 2003 (fol. 17). Minn dawn il-provi l-Qorti bl-ebda mod ma tista' tistabbilixxi jekk verament l-intimat kienx u ghadux jistenna li jiehu lura l-pussess tal-fond bin-numru 16 fi Triq Hal-Qormi, H'Attard. A kuntrarju l-Qorti hija affacjata bi provi mressqa mis-socjeta' rikorrenti li juru li effettivament il-fond li fuqu hija bbazata l-kundizzjoni tal-kommodat zgur fis-sena 1996 ma kienx fil-pussess tal-intimat pero' kien gie liberat a favur Mid-Med Bank Limited. Din il-Qorti taghmel referenza ghal massima latina *onus probanti incubit ei qui dicit non ai qui negat* li tippressupponi li min jallega jrid jipprova. Kien jinkombi fuq l-intimat Gatt li jipprova li t-terminu tieghu cirkoskritt proprju fil-limiti ta' l-uzu specifiku kien ghadu mhux estint - prova li l-intimat ma wasalx ghaliha lanqas fuq bazi ta' probabilita'. Fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad, fil-fehma tal-Qorti l-intimat naqas palezement li jipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ezistenza tat-titolu tal-kommodat partikolarment li l-obbligu tar-restituzzjoni tal-haga mislufa kien ghadu ma dahalx fis-sehh.

Ghalhekk l-alternattiva tal-intimat hija li huwa kien qieghed jokkupa l-fond taht titolu ta' prekarju li ghalkemm huwa l-istess kuntratt ta' self ghall-uzu (bhall-kommodat) izda bid-differenza biss illi dak li jislef il-haga jibqa' fis-setgha li jehodha lura meta jrid.

Dan premess, il-Qorti ma tistax ma tissenjalax ukoll il-fatt li kif jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association relattivi ghas-sena 2003 (fol. 239) fid-data li giet iffirmata l-iskrittura tat-30 ta' Settembru, 2003 (fol. 17) Carmen Vassallo ma kellha l-ebda rapprezentanza legali tas-socjeta' rikorrenti Katarius P&I Limited b'dan li ma setghet qatt debitament tirrapprezenta lis-socjeta'

rikorrenti fuq l-imsemmija skrittura. Infatti dan il-fatt gie wkoll ikkonfermat fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2010 (fol. 34) fejn gie vverbalizzat illi:

'Il-partijiet jiddikjaraw li jaqblu li s-socjeta' attrici giet inkorporata f'Mejju ta' l-2003 u l-azzjonisti taghha kienu AVMT Trustees Ltd u d-Direttur unika taghha kien Dr. Anton Micallef.'.

Jikkonsegwi li t-titolu tal-intimat Maestro Joseph Gatt jippekka wkoll minn dan il-lat fejn l-iskrittura privata ma setghet qatt torbot lis-socjeta' rikorrenti Katarius P&I Limited gjaladarba Carmen Vassallo ma kellha l-ebda rwol ta' rapprezentanza legali u guridika fl-imsemmija socjeta'.

Dwar l-ahhar eccezzjoni tal-intimat Gatt fejn eccepixxa li ma giex interpellat ufficjalment sabiex jizgombra mill-fond de quo l-Qorti tirrileva li b'daqshekk ma jfissirx li l-kawza ghandha tigi rigettata. Fil-kaz odjern la darba l-intimat Gatt kien qieghed javvanza titolu ta' kommodat l-interpellazzjoni ufficjali essenzjalment ma kinitx ser taghmel wisq differenza.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-intimat Maestro Joseph Gatt;

2. Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti u tiddikjara li l-intimat qieghed jokkupa l-imsemmi fond konsistenti f'dar u garaxx anness maghha fi plot 26 fi Triq Joseph A. Deacon,

Birkirkara u dan minghajr titolu validu fil-ligi fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

3. Tichad it-tieni talba billi din hija alternattiva ghall-ewwel talba;

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat jizgombra mill-imsemmija fond fit-terminu ta' xahrejn (2).

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimat Maestro Joseph Gatt.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju, 2023**